SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

12 ta' Mejju 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ugwaljanza fit-trattament bejn irġiel u nisa fil-qasam tas-sigurtà soċjali – Direttiva 79/7/KEE – Artikolu 4(1) – Diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-għoti ta' suppliment għall-pensjoni minħabba l-maternità lin-nisa li kellhom ċertu numru ta' ulied – Esklużjoni, mill-benefiċċju ta' dan is-suppliment għall-pensjoni, tan-nisa li jkunu talbu rtirar anticipat – Kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 79/7/KEE"

Fil-Kawża C-130/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Juzgado de lo Social nº 3 de Barcelona (il-Qorti Industrijali Nru 3 ta' Barcelona, Spanja), permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Marzu 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta' Marzu 2020, fil-proċedura

YJ

vs

Istituto Nacional de la Seguridad Social (INSS)

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tal-Awla, C. Toader u M. Safjan (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal YJ, minn L. Ripoll Sans, abogada,

– għall-Instituto Nacional de la Seguridad Social (INSS), minn A. R. Trillo García u P. García Perea, bħala aġenti,

– għall-Gvern Spanjol, minn M. J. Ruiz Sánchez, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Valero u I. Galindo Martín, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstemgħet l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 215).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn YG u l-Instituto Nacional de la Seguridad Social (l-Istitut Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali, Spanja) (iktar 'il quddiem l-"INSS"), dwar ir-rifjut ta' dan tal-aħħar li jagħti lil YJ suppliment minħabba l-maternità fil-kuntest tal-pensjoni ta' rtirar anticipat tagħha.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-ewwel u t-tieni premessa tad-Direttiva 79/7 jistipulaw li:

"Billi l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE tad-9 ta' Frar 1976 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa dwar l-aċċess għall-impjiegi, taħriġ professjonali u promozzjoni, u kondizzjonijiet tax-xogħol [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 187)], jiddisponi li, bl-iskop li jiżgura l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali, il-Kunsill [tal-Komunitajiet Ewropej], fuq proposta tal-Kummissjoni [tal-Komunitajiet Ewropej], sejjer jadotta dispożizzjonijiet li jiddefinixxu s-sustanza u l-intenzjoni ta' l-arranġamenti biex tkun applikata; billi t-Trattat [KEE] ma jagħtix il-poteri speċifiċi meħtieġa għal dan l-iskop;

Billi l-prinċipju tat-trattament ugwali fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali għandu jiġi implimentat l-ewwelnett fl-iskemi statutorji li jipprovdu protezzjoni kontra l-perikli ta' mard, invalidità, anzjanità, disgrazzji fuq ix-xogħol, mard ikkawżat mit-tip ta' xogħol u qgħad, u fl-assistenza soċjali sakemm hija ntenzjonata li żżid ma' jew tieħu l-post ta' l-iskemi msemmija aktar 'il fuq".

4 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa l-implimentazzjoni progressiva, fil-qasam tas-sigurtà soċjali u l-elementi l-oħra ta' protezzjoni soċjali pprovduti fl-Artikolu 3, tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali, minn issa 'il quddiem imsejjaħ 'il-prinċipju tat-trattament ugwali'."

5 L-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva huwa fformulat kif ġej:

"1. Il-prinċipju tat-trattament ugwali jfisser li m'għandu jkun hemm ebda diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess kemm direttament, jew indirettament speċjalment b'riferenza għall-istat maritali jew tal-familja f'dak li għandu x'jaqsam ma':

– l-għan ta' l-iskemi u l-kondizzjonijiet ta' l-aċċess għalihom,

– l-obbligu li wieħed jikkontribwixxi u l-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet,

– il-kalkolu tal-benefiċċji inklużi ż-żidiet rigward konjuġi u dipendenti u l-kondizzjonijiet li jirregolaw it-tul u ż-żamma tal-benefiċċji.

2. Il-prinċipju tat-trattament ugwali għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rigward il-protezzjoni tan-nisa minħabba l-maternità."

6 Skont l-Artikolu 7(1) tal-istess direttiva:

"Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li jeskludu mill-għan tagħha:

(a) l-iffissar ta' età tal-pensjoni sabiex jingħataw pensjonijiet ta' l-anzjanità u rtirar u l-konsegwenzi li jistgħu jiġu minnhom għall-benefiċċji l-oħra;

(b) il-vantaġġ f'dak li għandu x'jaqsam ma' skemi tal-pensjoni tax-xjuħ mogħtija lill dawk il-persuni li rabbew t-tfal; il-ksib ta' drittijiet għal benefiċċji wara perjodi ta' waqfien mix-xogħol minħabba it-trobbija tat-tfal;

[…]"

Id-dritt Spanjol

7 L-Artikolu 60 tal-Ley General de la Seguridad Social (il-Liġi Ġenerali dwar is-Sigurtà Soċjali), fil-verżjoni kkonsolidata tagħha approvata permezz tar-Real Decreto Legislativo 8/2015 por el que se aprueba el texto refundido de la Ley General de la Seguridad Social (id-Digriet Irjali Leġiżlattiv 8/2015, li japprova t-test rivedut tal-Liġi Ġenerali dwar is-Sigurtà Soċjali), tat-30 ta' Ottubru 2015 (BOE Nru 261, tal-31 ta' Ottubru 2015, p. 103291) (iktar 'il quddiem il-"LGSS"), intitolat "Suppliment minħabba l-maternità fil-pensjonijiet kontributorji tas-sistema tas-sigurtà soċjali" huwa fformulat kif ġej:

"1. Fid-dawl tal-kontribuzzjoni demografika tagħhom għas-sigurtà soċjali, għandu jingħata suppliment għall-pensjoni lin-nisa li kellhom ulied bijoloġiċi jew adottati u li jibbenefikaw minn pensjonijiet kontributorji ta' rtirar, ta' rmulija jew ta' inkapaċità permanenti skont kwalunkwe sistema ta' sigurtà soċjali.

L-ammont ta' dan is-suppliment, li jippreżenta fl-aspetti kollha n-natura ġuridika ta' pensjoni pubblika kontributorja, jirriżulta mill-applikazzjoni għall-ammont inizjali tal-imsemmija pensjonijiet ta' perċentwali ddeterminat, li jiddependi min-numru ta' wlied, skont l-iskala li ġejja:

a) żewġ ulied: 5 %.

b) tliet ulied: 10 %.

c) erba' wlied jew iktar: 15 %.

Sabiex jiġi stabbilit id-dritt għas-suppliment kif ukoll l-ammont tiegħu, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni biss l-ulied imwielda jew adottati qabel il-fatt li ta lok għall-pensjoni inkwistjoni.

2. Jekk l-ammont tal-pensjoni inizjalment irrikonoxxuta jaqbeż il-limitu stabbilit fl-Artikolu 57 mingħajr l-applikazzjoni tas-suppliment, is-somma tal-pensjoni u tas-suppliment ma tistax taqbeż dan il-limitu miżjud b'50 % tas-suppliment mogħti.

Bl-istess mod, jekk l-ammont tal-pensjoni rrikonoxxuta jilħaq il-limitu stabbilit fl-Artikolu 57 billi japplika biss parti mis-suppliment, il-persuna kkonċernata għandha wkoll id-dritt li tirċievi 50 % tal-parti tas-suppliment li taqbeż il-limitu massimu fis-seħħ f'dak il-mument.

Fil-każijiet fejn, permezz ta' liġi jew regolament, il-limitu massimu jista' jinqabeż għal raġunijiet oħra, is-suppliment għandu jiġi kkalkolat skont dan il-paragrafu, billi l-ammont tal-limitu fis-seħħ f'dak il-mument jittieħed bħala ammont inizjali tal-pensjoni.

Jekk il-pensjoni li għandha tiġi ssuplimentata tinkiseb permezz tal-aggregazzjoni tal-perijodi ta' assigurazzjoni fuq bażi *pro rata temporis* skont regoli internazzjonali, is-suppliment għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-pensjoni teoretika miksuba u l-proporzjon korrispondenti jiġi applikat għar-riżultat miksub.

[…]

4. Is-suppliment għall-pensjoni ma japplikax f'każ ta' rtirar antiċipat volontarju tal-persuna kkonċernata jew fil-każ ta' rtirar parzjali, previsti, rispettivament, fl-Artikoli 208 u 215.

Madankollu, is-suppliment għall-pensjoni xieraq għandu jitħallas meta l-irtirar komplet jirriżulta minn irtirar parzjali, ladarba tkun intlaħqet l-età meħtieġa.

[…]"

8 L-Artikolu 208 tal-LGSS, intitolat "Irtirar antiċipat volontarju tal-persuna kkonċernata", jipprovdi:

"1. L-aċċess għall-irtirar antiċipat volontarju tal-persuna kkonċernata huwa suġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) Għandha tkun laħqet età li ma tkunx iktar minn sentejn taħt l-età applikabbli f'kull każ skont l-Artikolu 205(1)(a), filwaqt li l-koeffiċjenti ta' tnaqqis imsemmija fl-Artikolu 206 ma għandhomx ikunu applikabbli għal dawn il-finijiet.

b) Għandha tingħata l-prova ta' perijodu minimu ta' kontribuzzjoni effettiva ta' 35 sena, mingħajr ma, għal dawn il-finijiet, tittieħed inkunsiderazzjoni l-parti proporzjonali relatata mal-primjums. Għal dawn l-għanijiet esklużivi, huwa biss it-tul tas-servizz militari obbligatorju jew tas-servizz soċjali ta' sostituzzjoni li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, b'limitu massimu ta' sena.

c) Ladarba jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi applikabbli għal dan it-tip ta' rtirar, l-ammont tal-pensjoni li l-persuna għandha tirċievi għandu jkun ogħla mill-ammont tal-pensjoni minima li tkun dovuta lill-persuna kkonċernata fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-familja tagħha malli tilħaq l-età ta' 65 sena. Fil-każ kuntrarju, il-persuna kkonċernata ma tistax tibbenefika minn dan it-tip ta' rtirar anticipat.

[…]"

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

9 Fuq talba tagħha, YJ kisbet, permezz ta' deċiżjoni tal-INSS tal-11 ta' Diċembru 2017, l-irtirar b'mod anticipat u pensjoni b'effett mill-4 ta' Diċembru 2017. YJ ressqet ilment kontra din id-deċiżjoni, fejn argumentat li l-INSS kellu jagħtiha s-suppliment għall-pensjoni minħabba l-maternità previst fl-Artikolu 60 tal-LGSS peress li hija kellha tliet ulied.

10 Peress li l-INSS ċaħad dan l-ilment permezz ta' deċiżjoni tad-9 ta' Mejju 2018, minħabba li dan is-suppliment għall-pensjoni minħabba l-maternità ma kienx applikabbli fil-każ fejn il-persuna kkonċernata tkun għażlet li tirtira kmieni, YJ adixxiet lill-Juzgado de lo Social nº 3 de Barcelona (il-Qorti Industrijali Nru 3 ta' Barcelona, Spanja). Quddiem il-qorti tar-rinviju, hija ssostni, essenzjalment, li l-Artikolu 60 tal-LGSS iwassal għal diskriminazzjoni fir-rigward tan-nisa li, minħabba li għażlu li jirtiraw kmieni, ma jistgħux jibbenefikaw mill-imsemmi suppliment għall-pensjoni minħabba l-maternità.

11 Il-qorti tar-rinviju tfakkar li, permezz tas-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2019, Instituto Nacional de la Seguridad Social (Suppliment għall-Pensjoni lill-Ommijiet) (C-450/18, EU:C:2019:1075), il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-Artikolu 60 tal-LGSS, li la jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga prevista fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 79/7, u lanqas taħt dak tad-deroga prevista fl-Artikolu 7(1)(b) ta' din id-direttiva, jikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta bbażata fuq is-sess ipprojbita mill-imsemmija direttiva.

12 Il-qorti tar-rinviju żżid li ma hemm ebda raġuni għalfejn ma jiġix applikat *mutatis mutandis* ir-raġunament adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din is-sentenza fir-rigward tan-nisa li kollha jinsabu fl-istess sitwazzjoni, indipendentement mill-forma u mid-data ta' aċċess għas-sistema tal-irtirar li tibbenefika mill-istess suppliment għall-pensjoni minħabba l-maternità.

13 B'hekk, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk is-sistema prevista fl-Artikolu 60 tal-LGSS, li bis-saħħa tagħha n-nisa li, bħal YJ, jagħżlu li jirtiraw kmieni, huma esklużi mill-benefiċċju tas-suppliment għall-pensjoni minħabba l-maternità previst f'dan l-artikolu, kuntrarjament għal dawk li jirtiraw fl-età legali tal-irtirar jew li jirtiraw b'mod anticipat minħabba l-attività eżerċitata matul il-ħajja professjonali tagħhom, minħabba diżabbiltà jew b'segwitu għal waqfien mill-attività ta' xogħol matul il-perijodu immedjatament qabel l-irtirar tagħhom għal raġunijiet li ma humiex attribwibbli

għalihom, hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni li jiggarantixxi l-ugwaljanza fit-trattament fis-sens wiesa', jiġifieri bejn irġiel u nisa, iżda wkoll bejn nisa stess, u jekk b'hekk din is-sistema tikkostitwixxix diskriminazzjoni diretta, fis-sens tad-Direttiva 79/7.

14 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Juzgado de lo Social nº 3 de Barcelona (il-Qorti Industrijali Nru 3 ta' Barcelona) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"Dispożizzjoni bħall-Artikolu 60(4) tal-[LGSS], li teskludi mill-benefiċċju tas-suppliment tal-maternità n-nisa li jirtiraw volontarjament b'mod antiċipat, għall-kuntrarju ta' dawk li jirtiraw volontarjament fl-età normali tal-irtirar, jew li jirtiraw b'mod antiċipat, iżda minħabba l-attività eżerċitata matul il-ħajja professjonali tagħhom, minħabba diżabbiltà, jew għaliex ikunu waqfu jaħdmu qabel ma jkunu rtiraw għal raġunijiet li ma jistgħux jiġu attribwiti lilhom, tista' titqies bħala diskriminazzjoni diretta fis-sens tad-Direttiva 79/7?"

Fuq id-domanda preliminari

15 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju ssemmi b'mod ġenerali d-Direttiva 79/7 mingħajr ma tindika d-dispożizzjoni jew id-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva li tagħhom hija titlob l-interpretazzjoni.

16 Madankollu, kemm mill-formulazzjoni tad-domanda magħmula kif ukoll mill-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju fit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li din id-domanda hija intiża, fir-realtà, sabiex tiddetermina l-eżistenza ta' diskriminazzjoni diretta bbażata fuq is-sess, fis-sens tad-Direttiva 79/7, li hija pprojbita mill-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva, li jipprovdi li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa fil-qasam tas-sigurtà soċjali jimplika l-assenza ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, kemm direttament, kif ukoll indirettament b'riferiment, b'mod partikolari, għall-istat maritali jew familjari tal-persuna kkonċernata.

17 Preliminarjament għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni mal-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tagħti lill-qorti tar-rinviju risposta utli li tippermettilha tiddeċiedi l-kawża li jkollha quddiemha u, f'din il-perspettiva, huwa l-obbligu, jekk ikun meħtieġ, tal-Qorti tal-Ġustizzja li tifformula mill-ġdid id-domandi li jkunu ġew sottomessi lilha (sentenza tat-3 ta' Marzu 2020, Gómez del Moral Guasch, C-125/18, EU:C:2020:138, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 Għaldaqstant, sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, id-domanda magħmula għandha tinftiehem fis-sens li hija intiża, essenzjalment, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 79/7 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, favur in-nisa li kellhom mill-inqas żewġ ulied bijoloġiċi jew adottati, suppliment għall-pensjoni minħabba l-maternità fil-każ ta' rtirar fl-età legali jew ta' rtirar antiċipat għal ċerti raġunijiet previsti mil-liġi, iżda mhux fil-każ ta' rtirar antiċipat volontarju tal-persuna kkonċernata.

19 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-kunċett ta' "diskriminazzjoni diretta bbażata fuq is-sess" imsemmi fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 79/7 għandu jinftiehem li jkopri kull sitwazzjoni li fiha persuna tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli minħabba s-sess tagħha minn kif tiġi ttrattata, ġiet ittrattata jew kieku tiġi ttrattata persuna oħra f'sitwazzjoni komparabbli (sentenza tas-

26 ta' Ġunju 2018, MB (Bidla fil-ġeneru u pensjoni tal-irtirar), C-451/16, EU:C:2018:492, punt 34). Minn dan isegwi li, sabiex diskriminazzjoni diretta tkun tista' tkun "ibbażata fuq is-sess", hemm bżonn li persuna tiġi ttrattata b'mod sfavorevoli minħabba l-appartenenza tagħha għas-sess maskili jew għas-sess femminili.

20 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li, skont it-titolu tagħha kif ukoll skont l-Artikolu 1 tagħha, moqri flimkien mal-ewwel u t-tieni premessa tagħha, l-għan tad-Direttiva 79/7 huwa l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa fil-qasam tas-sigurtà soċjali. Minbarra dan, il-konvenzjoni ta' kitba ddefinita fl-Artikolu 1 ta' din id-direttiva turi li l-espressjoni "prinċipju tat-trattament ugwali" użata fil-bqija tal-imsemmija direttiva, għandha tinftiehem bħala li tagħmel riferiment b'mod abbrevjat għall-"prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-irġiel u n-nisa fil-qasam tas-sigurtà soċjali".

21 Konsegwentement, il-kunċett ta' "diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess", li jinsab fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 79/7, jista' jikkonċerna biss il-każijiet ta' diskriminazzjoni bejn il-ħaddiema ta' sess maskili, minn naħa, u l-ħaddiema ta' sess femminili, min-naħa l-oħra.

22 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 79/7 ma jistax jinftiehem bħala li jikkostitwixxi dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tiggarantixxi l-ugwaljanza fit-trattament f'sens wiesa', jiġifieri wkoll bejn persuni li jappartjenu għall-istess sess. Għall-kuntrarju, il-kunċett ta' "diskriminazzjoni diretta bbażata fuq is-sess" imsemmi f'din id-dispożizzjoni jimplika sitwazzjoni fejn ħaddiema jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minħabba li jappartjenu għas-sess maskili jew femminili meta mqabbla ma' ħaddiema oħra tas-sess oppost f'sitwazzjoni komparabbli.

23 Fil-kawża ineżami, is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkonċerna mara li, peress li għażlet li tirtira kmieni, ma tistax tibbenefika minn suppliment għall-pensjoni minħabba l-maternità u b'hekk tqis li hija ttrattata b'mod inqas favorevoli min-nisa li, peress li huma rtiraw fl-età legali jew irtiraw b'mod antiċipat għal ċerti raġunijiet previsti mil-liġi, jistgħu jibbenefikaw minn dan is-suppliment għall-pensjoni.

24 Issa, id-Direttiva 79/7 ma tistax tapplika għal tali sitwazzjoni, sa fejn il-kriterju li minħabba fih l-għoti tas-suppliment għall-pensjoni minħabba l-maternità kkonċernat jiġi rrifjutat lin-nisa li jirtiraw kmieni b'mod volontarju ma huwiex marbut mas-sess tal-ħaddiem ikkonċernat, iżda mal-modalitajiet ta' aċċess għall-irtirar ta' dan tal-aħħar, u għalhekk l-allegat trattament diskriminatorju ma huwiex "ibbażat fuq is-sess". Barra minn hekk, is-sitwazzjoni kkonċernata ma tirrigwardax diskriminazzjoni bejn ħaddiema ta' sess maskili, minn naħa, u ħaddiema ta' sess femminili, min-naħa l-oħra, iżda tirrigwarda l-allegat ksur tal-ugwaljanza fit-trattament bejn ħaddiema ta' sess femminili.

25 Din il-konklużjoni mhijiex ikkontestata mis-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2019, Instituto Nacional de la Seguridad Social (Suppliment għall-pensjoni lill-ommijiet) (C-450/18, EU:C:2019:1075), anki jekk il-kawża li tat lok għal din is-sentenza kienet tikkonċerna l-istess leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, f'dik il-kawża, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali kien ħaddiem ta' sess maskili li qies li kien ittrattat b'mod inqas favorevoli mill-ħaddiema tas-sess femminili, peress li s-suppliment għall-pensjoni minħabba l-maternità kkonċernat kien ġie rrifjutat minħabba li huwa jappartjeni għas-sess maskili. Fl-imsemmija sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet għalhekk tibbaża r-raġunament tagħha fuq id-Direttiva 79/7 sa fejn l-allegat ksur tal-ugwaljanza fit-trattament kien jikkonċerna ħaddiema ta' sess maskili meta mqabbel ma' ħaddiema ta' sess femminili u kien, konsegwentement, ibbażat fuq is-sess tal-ħaddiem ikkonċernat, li ma huwiex il-każ hawnhekk.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 79/7.

27 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li d-Direttiva 79/7 ma tapplikax għal leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, favur nisa li kellhom mill-inqas żewġ ulied bijoloġiċi jew adottati, suppliment għall-pensjoni minħabba l-maternità fil-każ ta' rtirar fl-età legali jew fil-każ ta' rtirar anticipat għal ċerti raġunijiet previsti mil-liġi, iżda mhux fil-każ ta' rtirar anticipat volontarju tal-persuna kkonċernata.

Dwar l-ispejjeż

28 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Id-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 dwar l-implimentazzjoni progressiva tal-prinċipju tat-trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali ma tapplikax għal leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, favur nisa li kellhom mill-inqas żewġ ulied bijoloġiċi jew adottati, suppliment għall-pensjoni minħabba l-maternità fil-każ ta' rtirar fl-età legali jew fil-każ ta' rtirar anticipat għal ċerti raġunijiet previsti mil-liġi, iżda mhux fil-każ ta' rtirar anticipat volontarju tal-persuna kkonċernata.

Reġistratur